*Għal aktar Informazzjoni, Pariri u Għajnuna inti tista' tagħmel kuntatt ma':*

**IS-SERVIZZ TAL-PARENT CRAFT, SPTAR MATER DEI**

**HELPLINE 25455124**

**parentcraft@gov.mt**

**BREASTFEEDING WALK-IN CLINIC**

**HELPLINE 25454445**

**ID-DIRETTORAT GĦALL-PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA U L-PREVENZJONI MILL-MARD**

**23266000**

**health.pro@gov.mt**

**www.health.gov.mt**

**ID-DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEG**

**2122425/6**

**ind.emp.relations@gov.mt**

**www.dier.gov.mt**

**L-AWTORITÀ DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**21247677**

**ohsa@gov.mt**

**www.ohsa.org.mt**

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Occupational Health & Safety Authority

Department of Industrial and Employment Relations

Health Promotion & Disease Prevention Directorate

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children



# INTI TREDDGĦA LIT-TARBIJA TIEGĦEK?

*Inti sejra lura fuq il-Post tax-Xogħol?*

## ID-DRITTIJIET TAL-OMMIJIET LI JREDDGĦU META JMORRU LURA GĦAX-XOGĦOL

Dan il-fuljett huwa maħsub biex jgħin lil dawk l-ommijiet li beħsiebhom ikomplu jreddgħu lil uliedhom meta jmorru lura għax-xogħol. Ħafna nisa li jaħdmu jirnexxilhom jibqgħu jreddgħu lit-trabi tagħhom.

Huwa ferm rakkomandat li min iħaddem jalloka ħin apposta u jipprovdi ambjent b'saħħtu u sigur għall-ommijiet ħaddiema biex jiġbdu l-ħalib u biex jerfgħuh f'post sikur. It-*toilet* **ma huwiex** post addattat biex isir dan. Din il-kamra għandha toffri privatezza u għandu jkun hemm fejn wieħed jista' jaħsel idu sew, siġġu komdu u friġġ żgħira. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jara l-*Guidelines to set up a breast feeding room at the place of work*, maħruġ mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni mill-mard.

Dawn huma tweġibiet għal xi mistoqsijiet li inti jista' jkollok meta inti tkun qed treddgħa u l-implikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, għalik u għat-tarbija tiegħek.

## KIF NISTA' NIBQA' NREDDGĦA WAQT LI NAĦDEM?

Għandek numru ta' għażliet li tista' tagħmel. Inti tista':

- Tirranġa li tuża ċentru ta' matul il-jum għat-tfal viċin il-post tax-xogħol tiegħek u b'hekk tkun tista' treddgħa t-tarbija waqt il-brejk, kif ukoll qabel u wara x-xogħol;
- Idderri lit-tarbija tiegħek tixrob mill-flixkun jew mit-tazza biex hija ma ssibhiex diffiċli tixrob meta inti tkun għax-xogħol, naturalment dejjem skont l-età tat-tarbija;
- Tiġbed il-ħalib biex xi ħadd ieħor ikun jista' jisqi lit-tarbija waqt li inti tkun ix-xogħol;
- Tibda tagħmel dan xi ftit ġimgħat qabel ma' tmur lura għax-xogħol biex kemm int kif ukoll it-tarbija tidraw il-proċess;
- Tista' titlob li taħdem ħinijiet iqsar jew ħinijiet flessibbli.



## JIENA GĦANDI NINFORMA LIL MIN JIMPJEGANI LI QIEGĦDA NREDDGĦA?

**Iva.** Inti għandek tinforma lil min jimpjegak malajr kemm jista' jkun li inti qed tippjana li tkompli treddgħa t-tarbija meta tmur lura għax-xogħol. Inti għandek tipprovdi ċertifikat ta' tabib jew qabla li jindika dan.

## LIEMA HUMA DAWK IR-RISKJI LI JIENA NISTA' NKUN ESPOSTA GĦALIHOM FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL?

Jista' jkun hemm riskji oħrajn barra minn dawk assoċjati mat-tqala li inti trid tikkonsidra. Dawn jiddependu fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħek u jistgħu jinkludu:

- Xogħol b'merkurju organiku;
- Xogħol b'materjal radjoattiv;
- Li tkun esposta għaċ-ċomb.

## KIF SE NKUN NAF JEKK HEMMX RISKJI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL TIEGĦI?

Min jimpjegak huwa obbligat bil-liġi li jagħmel evalwazzjoni tar-riskji li jista' jkun hemm fuq il-post tax-xogħol. Min jimpjegak għandu jfassal pjan dwar kif għandhom ikunu indirizzati dawn ir-riskji biex tkun protetta int u t-tarbija tiegħek.

## X'INHUMA D-DRITTIJIET TIEGĦI WAQT LI NKUN INREDDGĦA?

Fost oħrajn:

- Ix-xogħol tiegħek għandu jkun assigurat u l-paga m'għandhiex tkun inqas minn dak li huwa stipulat fil-kuntratt tax-xogħol tiegħek, (S.L. 452.91);
- Għandu jkun hemm tibdil temporanju tal-ambjent tax-xogħol tiegħek, jew tal-ħinijiet tax-xogħol tiegħek, jekk ir-rapport tal-evalwazzjoni tar-riskji jindika dan, (S.L.424.11) u (S.L.452.91);
- Għal tnax-il xahar wara t-twelid, inti mhux obbligata taħdem ħinijiet żejda wara l-ħin tax-xogħol, (S.L.452.91);
- Inti tista' tingħata xogħol ieħor li jkun addattat għalik f'dawn iċ-ċirkostanzi, (S.L.452.91);
- Inti għandek tingħata faċilitajiet xierqa fejn tista' timtedd u tistrieħ f'kundizzjonijiet addattati (S.L. 424.15)

## LIEMA HUMA DAWK IR-REGOLAMENTI JEW LIĠIJIET, LI JIPPROTEĠU D-DRITTIJIET TIEGĦI, FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL META NKUN INREDDGĦA?

- Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali – Kap 452;
- Liġi Sussidjarja 452.91, Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (impjieg);
- Att dwar l-Awtorità tas-Saħħu u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Kap 424
- Liġi Sussidarja 424.11, Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol;
- Liġi Sussidjarja 424.15, Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Saħħa u Sigurtà)



*Fil-każ ta' ommijiet li jaħdmu fis-Servizz Pubbliku, insibu wkoll Il-Kodiċi dwar is-Servizz Pubbliku (PSMC)*